

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2294**tal-20 ta' Diċembru 2021****li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Netherlandiż,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Andy DRITTY kien propost għall-ħatra, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Henk STAGHOUWER, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *gedeputeerde provincie Groningen* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Groningen), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023.
- (5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Henk STAGHOUWER bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti.
- (6) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Maarten VAN GAANS-GIJBELS, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *gedeputeerde provincie Limburg* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Limburg), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Henk STAGHOUWER, *gedeputeerde provincie Groningen* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Groningen),⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Maarten VAN GAANS-GIJBELS, *gedeputeerde provincie Limburg* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Limburg).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VIZJAK
